MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 166/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandro Camilleri)**
**Vs**
**Christopher Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer fil-31 t’Ottubru, 2007, ghall-habta ta’ 15.15 hrs, hebb kontra l-persuna ta’ Anthony Pavoniti sabiex jingurjah, idejjqu u/jew jaghmillu hsara w ikkagunalhu griehi ta’ natura gravi per durata fuq ghajnu l-leminija hekk kif iccertifika Dr. Bonanno MD Reg. no. 3016 mill-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 221(1) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza kif dedotta w

qeghdet lill-appellant minuri taht ordni tal-Probation ghal perjodu ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 7 tal-kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Inoltre l-Qorti ordnat il-hlas ta' mitejn Euro (€200) lil Sonia Sammut, omm il-minuri Anthony Pavoniti, a tenur ta' l-artikolu 24 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lil Christopher Gauci.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni dedotta w kwindi tilliberah skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-appellant kien ghall-affari tieghu ma jdejjaq lil hadd. Li t-tifel Pavoniti ma kellu xejn aktar bhala *injury*. Il-kredibilita' tal-appellant giet konfermata meta t-tfal Zachary u Pavoniti gew konfrontati b' ritratt ta' rota bil-kulur vjola. Il-percimez f' din il-haga minn fejn nibet l-incident kien ix-xhud Zachary. L-appellant kien wahdu w Zachary u Pavoniti kienu tnejn u kienu huma li bdew u holqu dan l-inkwiet u kienu ser ihebbu ghall-appellant li lahaq iddefenda ruhu, liema agir hu gustifikat. Pavoniti kien ukoll gie akkuzat mal-appellant pero' hareg liberat fuq konflitt fil-provi w dan ghandu japplika ukoll favur l-appellant. Imma mhux hekk sar mill-ewwel Qorti. Illi kien hemm ukoll provokazzjoni li ma giex osservat mill-Ewwel Qorti.

Semghet ix-xhieda ta' Anthony Pavoniti li qal li dam isofri mill-offiza aktar minn xaharejn imma issa ghaddielu.

Rat il-verbal tat-30 t' Ottubru, 2008, li bih il-partijiet qablu li jigu esebiti tlitt ritratti li juru l-feriti li sofra Pavoniti ghall-ahjar istruzzjoni tal-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jimpernja ruhu fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti fuq il-provi li tressqu quddiemha.

**Anthony Pavoniti**, li x-xiehda tieghu tinsab traskritta fil-process, xehed li hu w siehbu Zachary Gauci kienu gejjin mill-iskola w qed jilghabu l-karti w Zachary staqsa l-hin lill-appellant izda dan ma wegbux. Hu ma kienx jafu qabel lill-appellant imma jaf li joqghod vicin taghhom. Wara l-appellant kien qed isuq ir-rota u hu qallu: "Dik ir-rota roza." Imxew u wara l-appellant qallu: *"Int mhux li m'ghandekx missier u toqghod ma nannuk?"* Hu qallu *"Iva."* L-appellant qallu: *"Ghadnek rota sewda."* Baqghu mexjin u l-appellant kien mar ihakkekk maghhom bir-rota w waqaf u qallu: *"Jekk trid taqbad taghti, ejja l-Partit Nazzjonlista."* Umbaghad wara nizel ghalih, vgah, hallieh f' nofs it-triq u tah daqqa ta' sieq u tlitt daqqiet ta' ponn fuq imniehru w fuq ghajnejh. Siehbu Zachary li kien hdejh ipprova jghinu w iqajjmu minn-nofs it-triq. Cahad li hu kien insulta lill-appellant b' ommu. Cahad ukoll li kien hu li mar jahbat ghall-appellant u qal li l-appellant kien mar ghalih. Hu dam gurnata l-isptar u ghalkemm riedu jzommuh huma ffirmaw biex johrog.

**Zachary Gauci** li xehed quddiem din il-Qorti, ghax id-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx traskritta, xehed li dak in-nhar kienu nizlu mill-*private bus* tal-iskola w kien hemm l-appellant bir-rota li kienet kulur roza. Anthony Pavoniti qal : "Ara dak bir-rota roza." Mistoqsi x' ried ifisser b' dan, ix-xhud spjega li rota dak il-kulur ma juzawhiex l-irgiel. Igifieri li l-appellant mhux normali. L-appellant gie ghall-Pavoniti qabdu minn ghonqu, tefghu mal-art u tah daqqa ta' ponn. Hu kien qajjem lil Pavoniti minn wiccu mal-art u ghinu jmur ghand in-nanna tieghu. Mistoqsi mill-Qorti, ix-xhud qal li ma kienx issemma diskors dwar il-mama' tal-appellant la minnu w lanqas minn Pavoniti.

In kontro-ezami, dax-xhud baqa' jinsisti li r-rota kienet roza w mhux vjola kif kien qed jigi suggerit lilu mid-difensur. Jaqbel li qabel l-incident l-appellant kien ghall-affari tieghu w li kien Pavoniti li zzikah u mhux *vice versa*. L-appellant ma kien qed idejjaq lil hadd.

**Sonya Sammut**, li x-xiehda taghha wkoll tinsab traskritta fil-process, xehdet li kienu cemplulha biex tmur l-isptar, fejn kien gie rikoverat binha Anthony Pavoniti. Meta marret hemm, rat li binha kien fl-istat li jidher fih fir-ritratti esebiti w li ttiehdu dak in-nhar stess. Binha kien irrakkontalha x' kien gara. Qalilha li l-appellant kien offendieh ghax m' ghandux missier. Binha kien qal lill-appellant li kellu rota roza. Kienu baqghu imorru ghac-*check-ups* ghand il-professur tal-ghajnejn Chetcuti.

Illi mic-certifikat mediku ta' l-Optometrist Kerstein Gabaretta, li pero' ma giex konfermat bil-gurament, jidher li fis-17 ta' Marzu, 2008, cioe' erba xhur u nofs wara l-incident li gara fil-31 t' Ottubru, 2007, Pavoniti kien ghadu jsofri minn: "*minimal residual bruising following traumatic injury 4/12 ago which should clear in the next few months."* (Fol. 33A) Pero' ghal dak li jirrigwarda l-vizta kollox kien normali fiz-zewg ghajnejn.

**L-appellant,** li xehed quddiem din il-Qorti ghax id-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx traskritta, qal li kien ghaddej ghall-affari tieghu fuq ir-rota kulur vjola *electric metallic* w nizlu mill-van Pavoniti w Zachary Gauci li bdew izikuh li kellu *bycycle* roza. Beda jidhaq biz-zuffjett ghax rota roza w biex jghaddi z-zmien bih. Umbaghad Pavoniti dejjqu w hu qallu: *"Ghalaq halqek pufta*". Umbaghad Pavoniti hareg f' nofs it-triq u jiftah sidru w Pavoniti qal lill-appellant *: "Saqsi lill-ommok kemm red……uli l-bierah."*

Hu mar hdejn id-dar tieghu w qaghad isuq ir-rota hemm. Pavoniti w Gauci bdew igaraw karti mghaffgin ballun u baqghu jaqbdu mieghu minn fejn kienu qabel ghax ma kienx hemm boghod. Umbaghad kienu sejrin lejn id-dar u hu mar warajhom biex *"forsi jibqghu fuq sieq tajba uh"* ghax hu kien jafu. Ma marx biex ipattihielu. Kieku ried

jatihielu, kien jatihielu dak il-hin. Mar biex forsi jirrangaw is-sitwazzjoni w Zachary Gauci beda jghidlu: *"Aqbad tih. Aqbad tih."* Pavoniti dar lejh u hares lejh u qal lil Gauci : *"Ara biex ingibu paralizzat."* Umbaghad hu nizel minn fuq ir-rota, qabad lil Pavoniti minn ghonqu w tah tlitt daqqiet ta' ponn go ghajnejh. Hu ghamel hekk biex jiddefendi ruhu ghax kien wahdu w huma kienu tnejn. Pavoniti ma kienx lahaq messu, dar ghalih biss. Hasdu. Mbaghad hu nizel in-nizla u rega' tela' ghax iddispjacih u rega' mar biex jara x' gara meta Pavoniti baqa' mal-art. Umbaghad Zachary Gauci qajjmu mill-art. Anthony Pavoniti dak il-hin kien qallu *"Jien biex nitnejjek ta.*" U hu wiegbu li dawk mhux affarijiet li ticcajta bihom.

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm hu minnu li l-incident beda meta Pavoniti w Zachary Gauci bdew iziku lill-appellant ghax skondhom kien riekeb fuq bycycle kulur roza , w anki jekk hu minnu li f' xi hin Pavoniti kien semmielu lill-ommu b' mod dispreggjattiv, kif fuq xehed - haga michuda kemm minn Pavoniti u Zachary Gauci, jidher mix-xiehda tal-appellant stess li dak il-hin hu ma zammx lura w kien ukoll irrisponda ghall-tono meta qal lil Pavoniti : *"Ghalaq halqek pufta."* Inoltre rrizulta li kien hemm certu distakk ta' hin bejn dan l-ewwel incident u l-incident fejn l-appellant xejjer tlitt daqqiet ta' ponn lil Pavoniti. Di fatti wara l-ewwel skontru verbali ta' ingurji reciproci, l-appellant kien tbieghed ftit mit-tnejn l-ohra w ghalkemm dawn bdew igaraw xi karti mghaffga ballun, kif xehed l-istess appellant, huma kienu sejrin lura lejn darhom. Kieku l-appellant ma marx warajhom - skondu biex jirranga maghhom - l-incident kien jieqaf hemm u ma kien ikorri hadd.

Invece, l-appellant ghazel li jmur warajhom bil-pretest li ried jirranga maghhom. Din il-Qorti tqis din l-ispjegazzjoni bhala wahda ferm inverosimili fic-cirkostanzi w tqies li l-vera motivazzjoni tal-appellant kienet li jptattihilhom tad-diskors u z-zuffjettar bih li kien issubixxa ftit tal-hin qabel. Anki jekk ma kienx hekk, zgur li kien imprudenti li jerga jmur idendel kusu maghhom, jekk kif qal hu, huma kienu

tnejn u hu kien wahdu. Hi kif inhi, Pavoniti qatt ma messu lill-appellant u skond l-istess appellant, kull ma ghamel kien li dar lejh u b' hekk hasdu. Izda dan zgur li ma kienx jiggustifika li, ghal xejn b' xejn, jaqbdu minn ghonqu, jitfghu fl-art u jatih tlitt daqqiet ta' ponn.

Biex treggi d-difiza tal-provokazzjoni irid ikun hemm **l-immedjatezza** w cioe' li dak li jkun, ikun qed jirrejagixxi ghal xi haga li tkun saritlu dak il-hin u mhux qabel. Anki jekk l-appellant hassu offiz biz-zuffjettar dwar il-kulur tal-bycycle u l-kliem oxxen li seta' intqal fil-konfront ta' ommu ftit tal-hin qabel, dan ma kienx jintitolah li jmur ifittex il-provokazzjoni biex umbaghad isawwat lil Pavoniti. Kif jghid il-Professur Sir Athony Mamo (Notes on Criminal Law , Vol. II, 1958 edit., p. 263) :-

*"…in regard to all cases of provocation, it is expressly laid down that they shall not avail the offender unless they have taken place at the time of the act in excuse whereof they are pleaded. In other words, it is essential that the wounding, etc., should have been inflicted immediately upon the provocation being given: for if there is a sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain domination over the mind and the person so provoked afterwards kills the other, this is deliberate revenge and not heat of the blood."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk kull aggravju bazat fuq id-difiza tal-provokazzjoni hu infondat fil-fehma tal-Qorti.

Lanqas fil-fehma tal-Qorti ma tirrizulta d-difiza tal-*legittima difesa* jew eccess tal-istess ghax l-appellant inhasad, beza' jew twerwer. Kien l-appellant innifsu li ddecieda li jmur wara t-tnejn l-ohra, meta kien jaf ben tajjeb li kienu tnejn u ma kienx jaf kif ser jirrejagixxu ghall- *"overtures"* tieghu ta' paci - jekk stess ghandu jitwemmen dwar dan. Anki jekk stess Pavoniti dar lejh u hares lejh, dan ma kellu jkun ebda kagun ta' hasda jew biza'. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi perikolu attwali, gravi w inevitabbli li seta' b' xi mod - anki soggettivament - igaghlu jhoss li kellu bzonn jiddefendi ruhu minn xi agressjoni billi jaghmel dak li

ghamel. L-elementi essenzjali tad-difiza ta' *"self defence"* huma karenti ghal kollox f' dan il-kaz. Ghalhekk anki dan l-aggravju hu infondat.

Illi ma hemm ebda agravju dwar il-piena ut sic u f' kull kaz fil-fehma ta' din il-Qorti, l-provvediment tal-*probation* ghal sentejn impost mill-Ewwel Qorti w l-kundanna ghal hlas tad-danni skond l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta kienu saggi w jimmeritaw konferma

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------